SANTA LUĊIJA

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 31-17**

**18 ta' Lulju 2017**

Il-Kunsilli Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-1.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Caroline Galea - Kunsilliera
Joe Bonello - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsillier Liam Sciberras

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**31.1.1** Is-Sindku qara l-ittri tal-appoloġija tal-Kunsillieri Liam Sciberras.

**31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**31.2.1 Laqgħa ma' Trasport Malta u Mozzjoni b'urġenża mressqa mill-Viċi Sindku**

Is-Sindku irrefera għal minuta 30.7.1 u informa l-Kunsill li Trasport Malta ma aċċettatx il-mozzjoni b'urġenza li tresqet fil-laqgħa tal-Kunsill numru 30-17.

**31.2.2 Lejla Sajfija**

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 30.7.8 u rrefera għall-kiri tal-palk. Huwa qal li fil-passat kien isir arrangament mad-Dipartiment tal-Kultura għal kiri tal-palk għall-Lejla Sajfija. Il-Viċi Sindku qal ukoll li fi Pjazza 7 ta' Lulju hemm il-Greek Theatre li jista' jintuża bħala palk u n-nies ikollom fejn joqgħodu bil-qiegħda. Ġie deċiż li l-Kunsill jgħin fl-affarijiet tas-soltu.

**31.2.3 Dawl fi Triq il-Vjoli**

Il-Viċi Sindku talab biex issir korrezjoni fil-minuta 30.8.5 biex minflok il-kliem Enemalta jidħol il-kliem Ministeru Għall-Enerġija. Il-Kunsill qabel li ssir din l-emenda.

**31.2.4 Ġnien is-Serenita'**

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għal Ġnien is-Serenita' u lmenta fuq it-trabijiet li hemm. Il-Viċi Sindku talab li r-rapporti li jibgħat il-kuratur għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kunsill kollu.

**31.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u apporvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

**31.3.1 Servizz ta' Knis**

Il-Viċi Sindku rrimarka li s-Sibt filgħodu fl-*area* tal-bandli kien hemm ħafna ħmieġ. Huwa qal ukoll li hemm bżonn ukoll ta' qtugħ ta' ħaxix f'din l-*area*. Qamet diskussjoni u ġie deċiz li jiġi ordnat *extra service* ta' sagħtejn biex nhar ta' Ħadd jitnaddfu l-Pjazzez.

**31.3.2 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet għat-tiswija ta' pompi tal-vaska fi Ġnien is-Serenita'**

Il-Kunsill approva kwotazzjoni biex jissewwew iż-żewġ pompi li hemm fil-vaska l-kbira ta' Ġnien is-Serenita' bi spiża totali ta' €360+VAT.

**31.3.3 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet għal xiri ta' *airconditioners* għall-Berga**

Il-Kunsill qabel li jinxtraw żewġ *airconditioners* 12000Btu għall-Berġa. Il-Kunsill innota tlett kwotazzjonijiet li nġabru f'dan ir-rigward u qabel li tinġieb kwotazzjoni oħra u tintagħżel l-orħos offerta.

**31.3.4 Kwotazzjoni għal software ġdid ta' accounting system tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-*accounting software* li qed juża l-Kunsill bħalissa mhux ser jibqa jiġi *supported*. Hija resqet proposta u kwotazzjoni ta' ICT Solutions għal miġrazzjoni għal *software* ġdid. Il-Kunsill qabel li tinġib linja gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din il-proposta

**31.3.5 Kwotazzjoni għal xiri ta' *Palm Read*er**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kwotazzjoni għal xiri ta' *palm reader* għall-ħaddiema tal-Kunsill. Hija qalet li b'din il-kwatoazzjoni l-Kunsill ikollu ideja tal-ispiża nvoluta u jkun jista' jiddeċiedi jekk iridx li

jinxtara dan l-apparat. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet iġġib aktar kwotazzjonijiet għax-xiri ta' dan l-apparat.

**31.3.6 Kwotazzjoni għal xiri ta' *Fire Detection Equipment***

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għar-*Risk Assessment Report* li kien sar għal Kunsill Lokali ta' Santa Luċija kif rikjest bil-regolamenti tal-*Health and Safety* fuq il-post tax-xogħol. Hija qalet li minn dan ir-rapport jirriżulta li l-Kunsill irid ikollhu *Fire Alarm System* fl-uffiċini tal-Kunsill. Hija resqet żewġ kwotazzjonijiet għal xiri ta' dan l-apparat u l-Kunsill qabel li jmur għal orħos offerta, dik ta' FSE Fire and Security Engineering għal prezz ta' €985.30.

**31.3.7 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 31-17 għall-perjodu bejn is-27 ta' Ġunju 2017 u l-14 ta' Lulju 2017, minn *cheque* numru BOV6804 sa numru BOV6818.

**31.4 *Financial Quarterly Report* 01-01-2017 – 31-03-2017**

**31.4.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju li jkopri l-ewwel tlett xhur tas-Sena 2017. L-*accountant* tal-Kunsill is-Sinjura Debono li ħejjiet dan ir-rapport, tagħt rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja għal dan il-perjodu. Hija qalet li f'dan il-perjodu ma kienx hemm infieq straordinarju u r-rapport juri *surplus* ta'€9,802.00. Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tibdil fit-*template* ta' dan ir-rapport fir-rigward tal-*Financial Situation Indicator* li issa jidher bħala *Restricted Working Capital*.

**31.5 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**31.5.1 Cirkulari 9-2017 – Inizjattiva Finanzjarja Local Government Culture Fund –it-Tieni Sejħa**

Is-Sindku rrefera għaċ-Ċirkulari msemmija u stieden lill-Viċi Sindku biex jitkellem dwar il-proposta tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku ta dettalji dwar tlett attivitajiet li l-Kunsill ser ikun qed itella' flimkien maċ-Centru Kulturali Ċiniż kull sena għal perjodu bejn Jannar 2018 u Diċembru 2020. Kopja tal-applikazzjoni dettaljata għandha tintbagħt għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**31.5.2 Inizjattiva Finanzjarja - Għoti mill-ġdid ta' Tarmak**

Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u s-Sindku qal li kull Kunsill ser jieħu madwar €7000.00. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi kienet bagħtet lista ta' xogħolijiet li kien qabel fuqhom il-Kunsill biex il-Kunsill ikun jista jiddeċiedi. Saret referenza għal dawn ix-xogħolijiet li kien qabel fuqhom il-Kunsill u l-Viċi Sindku qal li dawn ma tagħmilhomx b'€7000.00. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ladarba l-Kunsill qabel li jagħmel dawn ix-xogħolijiet jista' joħroġ parti mill-ispiża.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li għandha ssir laqgħa mal-Ministru Ian Borg dwar il-Proġett tat-Traffic Junction u Triq Peprin. Is-Sindku qal li diġa iltaqgħa mal-Ministru u huwa nfurmat li l-proġett tat-Traffic Light Junction ser isir bejn Lulju 2017 u Settembru 2017. Dwar Triq Peprin huwa qal li hu nfurmat li ser isir sforz biex din tidħol mal-ewwel lot ta' toroq li ser isiru mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li l-Kunsill għandu jkompli jagħmel pressjoni biex Triq Peprin issir mal-Proġett tat-*Traffic Junction*.

**31.5.3 Europe for Citizens Project-Flows**

Il-Kunsill iddiskuta l-Proġett Flows li ġie approvat taħt il-programm Europe for Citizens. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jgħamel komunikazzjoni ma' rappreżentanti tal-Ace20 Ltd dwar il-kordinazzjoni ta' dan il-proġett.

**31.5.4 Ġieħ Santa Luċija**

Il-Kunsill qabel li għall-okkażjoni tal-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija għandha issir talba lil banda tal-pulizija biex ittellu kunċert fi Ġnien is-Serenita' fil-25 ta' Awwissu 2017. Is-Sindku ppropona li fl-okkazjoni

tingħata plakka kommemorattiva bħala apprezzament tar-riżultati miksuba mill-Klabb tal-Football ta' Santa Luċija.

**31.5.5 Talba għal Żbir ta' Siġar**

**Is-Sindku ressaq dawn it-talbiet għal żbir ta' siġar:**

Triq Inez Soler –siġra faċċata tal-Blk B Bieb A fuq in-naħa ta' wara.

Trejqet is-Sardinell jinżabar l-Oleander li hemm fejn l-istage kantuniera ma Vjal Oleandri

Triq Pensieri biex jinżabru siġar tal-Ward li qed jesporġu fuq il-bankina. Ġie deċiż li dan ix-xogħol għandu jsir bil-*hedger.*

Triq iż-Żnuber kantuniera ma' Triq Guljetta Lopez biex tinżabar siġra ħdejn garaxx numru 19

Triq Margeriti biex tinżabar sigra tal-ħarrub għax qed tmiss mal-*wire* tad-dawl.

Il-Kunsill iddiskuta dawn it-talbiet. Il-Viċi Sindku irrefera għal siġra partikulari fi Triq Maria De Domenicis u qal li fis-sena 2011 din kienet inżabret minn xi entita' governattiva. Huwa qal ukoll li sas-sena 2015 din reġgħet kibret u r-residenti kienu talbu lill-Kunsill biex terġa tinżabar kif kienet inżabret fis-sena 2011. Huwa qal li din it-talba ntlaqgħet għax kienet waħda ġustifikata. Il-Kunsill qabel li fejn jidħol żbir ta' siġar għandhom jinġiebu r-ritratti biex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi.

**31.5.6 Guzi Farrell-Ħidma maż-Żgħażagħ**

Il-Kunsill iddiskuta ittra mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali dwar ilment li għamel is-Sur Farrell fir-rigward ta' kiri ta' trasport għall-attivitajiet li jorganizza għaż-zgħazagħ. Il-Kunsill innota li meta fil-passat kien iħallas għat-trasport tal-*Football Nursery* ta' Santa Luċija kellu jieqaf milli jagħmel hekk wara li l-awdituri tal-Kunsill kienu ħarsu lejn dan il-fatt bħala irregolari.

**31.5.7 Premju Nazzarenu Vassallo**

Is-Sindku ressaq proposta biex is-Sur Lewis Spiteri jiġi nnominat għal Premju Nazzarenu Vassallo. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni għal din il-proposta.

**31.5.8 Ċirkulari AKL – Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika**

Il-Kunsill iddiskuta din iċ-Cirkulari u saru xi suġġerimenti dwar kif il-Kunsill jista' jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

**31.5.9 Librerija Pubblika**

Il-Kunsill approva talba tal-librara tal-Librerija Pubblika biex is-servizz ta' librerija jieqaf għal gimgħa fix-xahar ta' Awwissu 2017

**31.5.10 Ilmenti u Suġġerimenti mir-Residenti**

Is-Sindku qara diversi ilment u suġġerimenti tar-residenti. Il-Kunsill iddiskuta dawn it-talbiet u iddeċieda kif ġej:

Dwar il-*culvert* fi Triq Pensjeri ġie nutat li dan qiegħed tajjeb iżda għandu bżonn jitnaddaf.

Dwar talba biex isiru *kennels* għall-annimali l-Kunsill ma laqgħax din it-talba.

**31.6 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**31.6.1 Mistoqsija tal-Kunsilliera Caroline Galea**

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferiet għad-deċiżjoni tal-Kunsill li jitneħħew l-istrutturi li nbnew għal-presepju tal-Milied fl-i*Sculpture Garden* u staqsiet lis-Sindku għala l-istrutturi għadhom ma tneħħewx u għala għadu ma sarx ir-*reinstatement* tal-i*Sculpture Garden* u meta ħa jitlesta. Kopja tal-mistoqsija qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**31.6.1.1 Tweġiba tas-Sindku**

Is-Sindku talab skuża għal dan id-dewmien u qal li kien maqbud bil-kampanja elettorali u li kien ser

iżarma l-istrutturi.  Qamet diskusjoni u s-Sindku qal li ried iżarma hu għax xi affarijiet huma tiegħu personali.

**31.6.2 Mistoqsija tal-Viċi Sindku**

Il-Viċi Sindku staqsa dwar min kienet il-persuna li resqet talba biex tinżabar is-siġra Pinus Mediterranea li hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju, min ta l-approvazzjoni biex ix-xogħol isir u min ħareġ il-*works order*.  Huwa talab ukoll li kopja tal-*works order* titpoġġa fuq il-mejda waqt il-laqgħa.

**31.6.2.1 Tweġiba tas-Sindku**

Is-Sindku qal li l-iskrivana tal-Kunsill kienet infurmatu li daħal ilment biex tinżabar din is-siġra u hu talabha biex tinforma l-Kuntrattur tal-Kunsill.  Qamet diskussjoni u ġie deċiż li dawn it-tip ta' ilmenti jkunu dokumentati u l-Kunsill reġa ikkonferma d-direzzjoni li ħa f'dan ir-rigward, dik li jkun hemm ukoll ritratt tas-siġra li trid tinżabar.

**31.6.3 Mistoqsija tal-Viċi Sindku**

Il-Viċi Sindku rrefera għall-*Water Fountains* li twaħħlu fil-Jogging Track u staqsa u meta ser ikunu qed jaħdmu.  Kopja tal-mistoqsija qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**31.6.3.1 Tweġiba tas-Sindku**

Is-Sindku qal li l-perit applika għal *compliance certificate* u l-amministrazzjoni qed tistenna li tirċievi dan id-dokument mill-Mepa biex tkun tista' tipproċedi bl-applikazzjoni għal *meter* tal-ilma.

**31.6.4 Mistoqsija mill-Kunsillier Joe Bonello**

Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa dwar il-Proġett Flows u l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt il-programm Europe for Citizens.  Kopja tal-mistoqsija qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**31.6.4.1 Tweġiba tas-Sindku**

Is-Sindku qal li din il-mistoqsija diġa ġiet imwieġba fil-Kommunikazzjonijiet.

**31.6.5 Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras**

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar siġra fi Triq Maria de Domeincis li kienet inżabret fis-sena 2015 u staqsa min kien ta' l-awtorizzazjoni biex din tinżabar hekk**.**  Huwa staqsa wkoll dwar il-ħlas lill-Għaqda Right to Smile dwar il-proġett Homework Club u staqsa wkoll dwar kemm hemm fondi allokati għal proġetti tal-Kunsill. Kopja tal-mistoqsija qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**31.6.5.1 Tweġiba tas-Sindku**

Is-Sindku qal li l-mistoqsija dwar is-siġra diġa ġiet imwieġba.  Ġie kkonfermat li l-ħlas dovut lir-Right 2 Smile sar.  Dwar proġetti tal-Kunsill is-Sindku qal li bħalissa qed tiġi riveduta l-*Business Plan.*

**31.7 Bus Terminus**

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-andament tal-laqgħa li huwa kellu ma' uffiċjali ta' Trasport Malta fir-rigward tal-*Bus Terminus* li jinsab fi Triq Gulietta Lopez.  Huwa qal li waqt il-laqgħa tresqet proposta biex il-*Bus Terminus* jiġi trasferit għal-Vjal Oleandri quddiem il-Klabb tal-Boċċi.  Il-Viċi Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill jieħu inkonsiderazzjoni li l-*Bus Terminus* isir f'Dawret it-Torri quddiem il-ħwienet.  Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dan is-suġġett u wasal għal konklużjoni li għandu jibqa jinsisti ma' Trasport Malta li fil-lokalita' jitneħħa l-*Bus Terminus* u jingħata servizz ta' Trasport Pubbliku *run through* mingħajr venda.

**31.8 CCTV Camera f'Wied Garnaw**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġabet kwotazzjoni biex il-Kunsill ikollu idea tal-ispiża nvoluta.  Hija qalet li hemm bżonn ukoll is-servizz tal-*internet*.  Saret diskussjoni u ġie s-Segretarju Eżekuttiv għandha tara l-ispiża nvoluta' biex jitwassal is-servizz tal-*internet* fuq il-post.  Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom

jinġibu kwotazzjonijiet oħra.

**31.9 Proposta tal-Awtorita' tal-Ippjanar – Wied Garnaw Dominju Pubbliku**

Il-Kunsill iddiskuta proposta tal-Awtorita'ta' l-Ippjanar biex l-*area* f'Wied Garnaw tkun meqjusa bħala dominju pubbliku. Il-Viċi Sindku ppropona li l-*area* fejn kien qed jiġi propost li tinbena dar għall-anzjani għandha titħalla barra mill-*area* li ser tiġi ddikjarata bħala dominju pubbliku. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandu jimxi fuq dak li qed jiġi propost mill-Gvern u l-Awtorita tal-Ippjanar.

**31.10 Talba għal Ħlas ta' kiri ta' Open Skips**

Il-Kunsill iddiskuta t-talba ta' kuntrattur li talab li jitħallas is-somma ta' €1799.00 fir-rigward ta' kiri 21 *open skip* għal perjodu bejn Ottubru 2016 u Jannar 2017. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u nforma lill-kuntrattur, li kien preżenti għall-laqgħa fuq talba tal-Kunsill, li l-Kunsill ma kienx approva dan il-pagament għax ma kienx hemm *purchase orders* awtorizzati għal dan is-servizz. Il-Kuntrattur sostna li hu kien ġab dawn l-i*skips* fl-iSculpture Garden u Wied Garnaw kull meta kien isirlu ordni bit-*telephone*. Huwa qal li hu daħal fl-ispejjeż biex seta' jbattal dawn l-i*skips* kollha u talab li jitħallas. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li dan il-kuntrattur għandu jitħallas l-ammont dovut f'pagament wieħed.

**31.11 Bankina fi Triq Guljetta Lopez kantuniera ma Triq Lellux**

Is-Sindku rrefera għal dak li kien ippropona l-Kunsillier Liam Sciberras biex tidjieq il-bankina fi Triq Ġuljetta Lopez kantuniera ma Triq Lellux. Ġie nutat li jekk tidjiq il-bankina ma tibqax aċċessibli għal min juża *wheelchair*.

**31.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**31.12.1** Il-laqgħa intemmet fil-5.00p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 21 ta' Awwissu 2017 fis-1.30p.m.

Konfermati, illum _________, ____ ta' ____________ 2017

IFFIRMATA
**Terrence Ellul**
**Sindku**

IFFIRMATA
**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**